MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 464/2005

**First Insurance Brokers Ltd (C 22502)**

**Vs**

**Christopher Borg (ID 20273M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm298.88 (mitejn tmienja u disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) dovuti ghal premium fuq poloz ta' assikurazzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa` ma pprezentax risposta.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-25 ta' Mejju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fid-19 ta' Settembru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------